SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla)

14 ta’ Lulju 2022*

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Kooperazzjoni ġudizzjarja f’materji kriminali – Deċiżjoni Qafas 2002/584/ĠAI – Artikolu 2(4) – Kundizzjoni ta’ kriminalità doppja tal-fatt – Artikolu 4(1) – Raġuni għan-nuqqas ta’ eżekuzzjoni fakultattiva tal-mandat ta’ arrest Ewropew – Stħarriġ mill-awtorità ġudizzjarja ta’ eżekuzzjoni – Fatti li parzjalment jikkostitwixxu reat fid-dawl tad-dritt tal-Istat Membru ta’ eżekuzzjoni – Artikolu 49(3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Prinċipju ta’ proporzjonalità tar-reati u tal-pieni”

Fil-Kawża C-168/21,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Cour de cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni, Franza), permezz ta’ deċiżjoni tas-26 ta’ Jannar 2021, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fis-16 ta’ Marzu 2021, fil-proċedura dwar l-eżekuzzjoni ta’ mandat ta’ arrest Ewropew maħruġ kontra

**KL**

fil-preżenza ta’:

Procureur général près la cour d’appel d’Angers

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla),

komposta minn K. Jürimäe (Relatur), President ta’ Awla, N. Jääskinen, M. Safjan, N. Piçarra u M. Gavalec, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: A. Rantos,

Reġistratur: M. Ferreira, Amministratriċi Prinċipali,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-20 ta’ Jannar 2022,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal KL, minn A. Barletta, avvocato, C. Glon u P. Mathonnet, avukati,

– għall-Gvern Franċiż, minn A. Daniel u A. L. Desjonquères, bħala aġenti,

* Lingwa tal-kawża: il-Franċiż.

– għall-Gvern Taljan, minn G. Palmieri, bħala aġent, assistita minn W. Ferrante, avvocato dello Stato,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn A. Azéma u S. Grünheid, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-31 ta' Marzu 2022,

tagħti l-preżenti

**Sentenza**

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 2(4) u tal-punt 1 tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Kwadru [Qafas] tal-Kunsill 2002/584/ĠAI tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 34, u rettifika fil-ĠU 2009, L 17, p. 45), kif emendata bid-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/299/ĠAI tas-26 ta' Frar 2009 (ĠU 2009, L 81, p. 24) (iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni Qafas 2002/584"), kif ukoll tal-Artikolu 49(3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta").

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest tal-eżekuzzjoni, fi Franza, ta' mandat ta' arrest Ewropew maħruġ mill-awtoritajiet ġudizzjarji Taljani kontra KL għall-finijiet tal-eżekuzzjoni ta' piena ta' tnax-il sena u sitt xhur priġunerija għal fatti kklassifikati bħala serq b'armi f'għaqda, ta' qerda u sakkeġġ, ta' ġarr ta' armi u ta' splużjoni ta' makkinarju mwettaq f'Genova (l-Italja) fl-2001.

## Il-kuntest ġuridiku

### *Id-dritt tal-Unjoni*

3 Il-premessi 6 u 12 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 huwa fformulat kif ġej:

"(6) Il-mandat ta' arrest Ewropew previst f'din id-Deċiżjoni Kwadru hi l-ewwel miżura konkreta fil-qasam tal-liġi kriminali li timplimenta l-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku li l-Kunsill Ewropew irrefera għalih bħala l-'punt ta' referenza' tal-koperazzjoni ġudizzjarja.

[...]

(12) Din id-Deċiżjoni Kwadru hi in konformità mad-drittijiet fondamentali u tħares il-prinċipji rikonoxxuti mill-Artikolu 6 [TUE] u riflessi fil-[Karta], partikolarment il-Kapitolu VI tiegħu. [...]"

4 L-Artikolu 1 ta' din id-deċiżjoni qafas, intitolat "Definizzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew u l-obbligazzjoni li jiġi esegwit", jipprovdi:

"1. Il-mandat ta' arrest Ewropew hi deċiżjoni ġudizzjarja maħruġa minn Stat Membru bl-iskop ta' l-arrest u ċ-ċediment minn Stat Membru ieħor ta' persuna rikjesta, għall-iskopijiet tat-tmexxija ta' prosekuzzjoni kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' sentenza ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni.

2. L-Istati Membri għandhom jesegwixxu kwalunkwe mandat ta' arrest Ewropew fuq il-bażi tal-priċipju ta' rikonoxximent reċiproku u skond id-disposizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni Kwadru.

3. Din id-Deċiżjoni Kwadru m'għandhiex ikollha l-effett li timmodifika l-obbligazzjoni għar-rispett ta' drittijiet fondamentali u prinċipji legali fondamentali kif miġbur fl-Artikolu 6 [TUE]."

5 L-Artikolu 2 tal-imsemmija deċiżjoni qafas, intitolat "Il-kamp ta' applikazzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew", jipprovdi:

"1. Mandat ta' arrest Ewropew jista' jiġi maħruġ għal atti li huma punibbli mil-liġi ta' l-Istat Membru li joħorġu bi sentenza ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni għal perjodu massimu ta' mill-inqas 12-il xahar jew, fejn sentenza ġiet mogħtija jew ordni ta' detenzjoni ġiet magħmula, għal sentenzi ta' mill-inqas erba' xhur.

2. L-offiżi li ġejjin, jekk huma punibbli fl-Istat Membru li joħroġ il-mandat bi sentenza ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni għal perjodu massimu ta' mill-inqas tlett snin u kif inhuma definiti mil-liġi ta' l-Istat Membru li joħroġ il-mandat, għandhom, taħt it-termini ta' din id-Deċiżjoni Kwadru u mingħajr verifikazzjoni tal-kriminalità doppja ta' l-att, jwasslu għaċ-ċediment skond mandat ta' arrest Ewropew:

[...]

4. Għal offiżi barra minn dawk koperti mill-paragrafu 2, iċ-ċediment tista' tkun suġġetta għall-kondizzjoni li l-atti għal liema l-mandat ta' arrest Ewropew ġie maħruġ jikkostitwixxu offiża taħt il-liġi ta' l-Istat Membru li jesegwixxih, irrespettivament ta' l-elementi kostitwenti jew ta' kif hu deskritt."

6 L-Artikoli 3, 4 u 4a tal-istess deċiżjoni qafas jelenkaw ir-raġunijiet għan-nuqqas ta' eżekuzzjoni obbligatorja u fakultattiva tal-mandat ta' arrest Ewropew. B'mod partikolari, l-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, intitolat "Raġunijiet għall-għażla tan-nuqqas ta' eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew", jipprovdi, fil-punt 1 tiegħu:

"L-awtorità ġudizzjarja li tesegwixxi tista' tirrifjuta li tesegwixxi l-mandat ta' arrest Ewropew:

1. jekk, f'wieħed mill-każijiet msejħin fl-Artikolu 2(4), l-att fuq liema l-mandat ta' arrest Ewropew hu bbażat ma jikkostitwix offiża taħt il-liġi ta' l-Istat Membru li jesegwixxi; [...]"

7 L-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 jipprevedi l-garanziji li għandhom jingħataw mill-Istat Membru emittenti f'każijiet partikolari.

### *Id-dritt Franċiż*

8 L-Artikolu 695–23 tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali jipprovdi:

"L-eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew għandha tiġi rrifjutata wkoll jekk il-fatt li huwa s-suġġett tal-imsemmi mandat ta' arrest ma jikkostitwixxix reat fid-dawl tal-liġi Franċiża.

B'deroga mill-ewwel paragrafu, mandat ta' arrest Ewropew għandu jiġi eżegwit mingħajr verifika tal-kriminalità doppja tal-fatti allegati meta l-aġir inkwistjoni huwa, skont il-liġi tal-Istat Membru

emittenti, punibbli b'piena ta' priġunerija ta' tul ugwali għal jew iktar minn tliet snin priġunerija jew b'ordni ta' detenzjoni għal żmien simili u jaqgħu f'waħda mill-kategoriji ta' reati previsti fl-Artikolu 694–32.

Meta d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu preċedenti huma applikabbli, il-klassifikazzjoni ġuridika tal-fatti u d-determinazzjoni tal-piena imposta jaqgħu taħt l-evalwazzjoni esklużiva tal-awtorità ġudizzjarja tal-Istat Membru emittenti. […]"

### *Id-dritt Taljan*

9 L-Artikolu 419 tal-codice penale (il-Kodiċi Kriminali), fil-verżjoni tiegħu applikabbli għall-fatti tal-kawża prinċipali, jipprovdi:

"Kull min iwettaq, barra mill-każijiet previsti fl-Artikolu 285, atti ta' qerda u sakkeġġ huwa punibbli b'piena ta' priġunerija ta' bejn tmienja u ħmistax-il sena. Din il-piena tiżdied jekk ir-reat jitwettaq b'armi, b'munizzjon jew b'oġġetti tal-ikel f'post ta' bejgħ jew ta' ħażna."

### **Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari**

10 Fis-6 ta' Ġunju 2016, l-awtoritajiet ġudizzjarji Taljani ħarġu mandat ta' arrest Ewropew kontra KL għall-finijiet tal-eżekuzzjoni ta' piena ta' tnax-il sena u sitt xhur priġunerija, mogħtija permezz ta' sentenza tal-Corte d'appello di Genova (il-Qorti tal-Appell ta' Genova, l-Italja) tad-9 ta' Ottubru 2009 u li saret eżekuttiva, fit-13 ta' Lulju 2012, wara ċ-ċaħda tal-appell tal-persuna kkonċernata mill-Corte suprema di cassazione (il-Qorti Suprema tal-Kassazzjoni, l-Italja), mogħtija fl-istess data.

11 Din il-piena tikkorrispondi għall-akkumulazzjoni ta' erba' pieni imposti għal erba' reati, jiġifieri l-ewwel, is-serq b'armi f'għaqda, punibbli b'piena ta' sena priġunerija, it-tieni, qerda u sakkeġġ, punibbli b'piena ta' għaxar snin priġunerija, it-tielet, il-ġarr ta' armi, punibbli b'piena ta' disa' xhur ħabs, u r-raba', l-isplużjoni ta' makkinarju, punibbli b'piena ta' disa' xhur priġunerija.

12 Fir-rigward, b'mod speċifiku, tal-ksur ikkwalifikat bħala "qerda u sakkeġġ", il-mandat ta' arrest Ewropew jiddeskrivi ċ-ċirkustanzi li fihom twettaq dan ir-reat bil-mod li ġej:

"[F]'għaqda ma' oħrajn, b'iktar minn ħames persuni, billi ħa sehem fil-manifestazzjoni kontra s-summit G 8, (KL) wettaq attivitajiet ta' qerda u ta' sakkeġġ f'kuntest, mill-perspettiva tal-post u taż-żmien, fejn kien hemm periklu oġġettiv għall-ordni pubbliku; diversi każijiet ta' dannu għall-għamara urbana u ta' proprjetajiet pubbliċi b'dannu konsegwenti li ma setax jiġi kkwantifikat bi preċiżjoni, iżda mhux inqas minn mijiet ta' miljuni ta' liri; dannu, sakkeġġ, qerda bl-għajnuna tan-nar ukoll ta' istituzzjoni ta' kreditu, ta' karozzi u ta' negozji oħrajn, biċ-ċirkustanza aggravanti li kkawża dannu patrimonjali ta' gravità kunsiderevoli lill-persuni involuti".

13 Skont l-indikazzjonijiet ipprovduti lill-Qorti tal-Ġustizzja, mis-sentenza tal-Corte d'appello di Genova (il-Qorti tal-Appell ta' Genova), tad-9 ta' Ottubru 2009, jirriżulta li, taħt il-klassifikazzjoni ta' "qerda u sakkeġġ", prevista fl-Artikolu 419 tal-Kodiċi Kriminali, seba' atti, repressi bħala ksur wieħed u l-istess, ġew imputati lil KL, jiġifieri dannu lill-iżvilupp urban u proprjetajiet pubbliċi, dannu u sakkeġġ lil sit ta' kostruzzjoni, dannu totali tal-bini ta' Credito

Italiano SpA, dannu totali bin-nirien ta' vettura tat-tip Fiat Uno, dannu totali bin-nirien tal-bini ta' Banca Carige SpA, dannu totali bin-nirien ta' vettura tat-tip Fiat Brava kif ukoll dannu totali u sakkeġġ ta' supermarket.

14 KL ma tax il-kunsens għall-konsenja tiegħu b'eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew imsemmi fil-punt 10 ta' din is-sentenza.

15 Permezz ta' sentenza tat-23 ta' Awwissu 2019, l-awla istruttorja tal-cour d'appel de Rennes (il-Qorti tal-Appell ta' Rennes, Franza) ordnat informazzjoni addizzjonali intiża b'mod partikolari għall-preżentata tas-sentenza tal-Corte d'appello di Genova (il-Qorti tal-Appell ta' Genova), tad-9 ta' Ottubru 2009 u tas-sentenza tal-Corte suprema di cassazione (il-Qorti Suprema tal-Kassazzjoni), tat-13 ta' Lulju 2012, imsemmija fil-punt 10 ta' din is-sentenza.

16 Permezz ta' sentenza tal-15 ta' Novembru 2019, l-awla istruttorja tal-Qorti tal-Appell ta' Rennes irrifjutat il-konsenja ta' KL għal raġuni proċedurali. Din is-sentenza ġiet annullata mill-Cour de cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni, Franza) u l-kawża ntbagħtet lura quddiem il-cour d'appel d'Angers (il-Qorti tal-Appell ta' Angers, Franza).

17 Permezz ta' sentenza tal-4 ta' Novembru 2020, l-Awla Istruttorja tal-cour d'appel d'Angers (il-Qorti tal-Appell ta' Angers), minn naħa, irrifjutat il-konsenja ta' KL lill-awtoritajiet Taljani abbażi tal-mandat ta' arrest Ewropew sa fejn dan tal-aħħar kien inħareġ għall-eżekuzzjoni tal-piena ta' għaxar snin priġunerija mogħtija għall-fatti kklassifikati bħala "qerda u sakkeġġ" u, min-naħa l-oħra, ordnat informazzjoni addizzjonali intiża sabiex titlob lill-awtorità ġudizzjarja Taljana jekk hija xtaqitx li tiġi eżegwita fi Franza l-kundanna ta' sentejn u sitt xhur priġunerija deċiża fir-rigward tat-tliet pieni l-oħra msemmija f'dan il-mandat.

18 Il-Prosekutur Ġenerali fi ħdan il-cour d'appel d'Angers (il-Qorti tal-Appell ta' Angers) u KL appellaw fil-kassazzjoni minn din is-sentenza quddiem il-Cour de cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni), li hija l-qorti tar-rinviju.

19 Din tal-aħħar tqis li l-kawża mressqa quddiemha tqajjem kwistjonijiet ta' interpretazzjoni tal-kundizzjoni tal-kriminalità doppja tal-fatt, prevista fl-Artikolu 2(4) u fil-punt 1 tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 (iktar 'il quddiem il-"kundizzjoni tal-kriminalità doppja tal-fatt").

20 F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju tenfasizza li, sabiex tirrifjuta l-konsenja ta' KL fir-rigward tal-eżekuzzjoni tal-piena ta' għaxar snin priġunerija deċiża għall-fatti kklassifikati bħala "qerda u sakkeġġ", l-Awla Istruttorja tal-cour d'appel d'Angers (il-Qorti tal-Appell ta' Angers) irrilevat li tnejn mill-aġiri li huma l-bażi ta' dan ir-reat ma setgħux jikkostitwixxu reat fi Franza, jiġifieri, minn naħa, il-ħsara tal-binjiet tal-Credito Italiano u, min-naħa l-oħra, id-dannu bin-nirien tal-vettura tat-tip Fiat Brava. Minn dan, din l-awla istruttorja ddeduċiet li peress li l-Corte d'appello di Genova (il-Qorti tal-Appell ta' Genova) u l-Corte suprema di cassazione (il-Qorti Suprema tal-Kassazzjoni), "esprimew ir-rieda mhux ekwivoka" li s-seba' fatti suġġetti għall-klassifikazzjoni bħala "qerda u sakkeġġ" jiġu analizzati bħala li jifformaw unità indissoċjabbli, il-kundizzjoni tal-kriminalità doppja tal-fatt kienet timponi li jiġu esklużi l-fatti kollha li ma jistgħux jiġu sseparati li kienu ssanzjonati taħt din il-klassifikazzjoni.

21 F'dan il-kuntest, il-qorti tar-rinviju tindika li, fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tirriżulta mis-sentenza tal-11 ta' Jannar 2017, Grundza (C-289/15, EU:C:2017:4), fl-evalwazzjoni tal-kundizzjoni tal-kriminalità doppja tal-fatt, hija l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni li għandha tivverifika jekk il-fatti li fuqhom huwa bbażat ir-reat ikkonċernat, bħal dawk esposti

fis-sentenza mogħtija mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru emittenti, humiex ukoll, bħala tali, punibbli b'sanzjoni kriminali fit-territorju tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni, fil-każ li dawn il-fatti jkunu seħħew fuq dan it-territorju. Ma hijiex meħtieġa korrispondenza perfetta la bejn l-elementi kostituttivi ta' dan il-ksur, kif ikklassifikati rispettivament fid-dritt tal-Istat Membru emittenti u f'dak tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni, u lanqas fid-denominazzjoni jew fil-klassifikazzjoni tal-imsemmi reat, skont il-liġijiet nazzjonali kkonċernati.

22 L-imsemmija qorti ssostni li, minkejja li ġiet stabbilita fil-kuntest tal-interpretazzjoni tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/909/ĠAI, tas-27 ta' Novembru 2008, dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' sentenzi f'materji kriminali li jimponu pieni ta' kustodja jew miżuri li jinvolvu ċ-ċaħda tal-libertà bil-għan li jiġu infurzati fl-Unjoni Ewropea (ĠU 2008, L 327, p. 27), din il-ġurisprudenza tidher li hija trasponibbli għall-kundizzjonijiet li fihom għandu jsir l-istħarriġ tal-kriminalità doppja tal-fatt fil-kuntest tal-mandat ta' arrest Ewropew minħabba x-xebh fiż-żewġ deċiżjonijiet qafas tad-dispożizzjonijiet relattivi għall-kriminalità doppja.

23 L-istess qorti tindika li, fid-dritt Taljan, ir-reat ta' "qerda u sakkeġġ" jirrigwarda atti ta' qerda u ta' degradazzjoni multipli, massivi, li jikkawżaw mhux biss dannu lill-proprjetarji ta' beni, iżda wkoll dannu għall-paċi pubblika, li jipperikola l-iżvolġiment normali tal-ħajja ċivili. Fid-dritt kriminali Franċiż, il-fatt li tiġi pperikolata l-paċi pubblika permezz ta' distruzzjoni ta' massa ta' beni mobbli jew immobbli ma huwiex speċifikament inkriminat. Huma inkriminati biss id-distruzzjonijiet, il-ħsara, is-serq bi ħsarat imwettqa, jekk ikun il-każ, f'għaqda, ta' natura li jikkawżaw ħsara lis-sidien ta' tali beni.

24 Għalkemm korrispondenza perfetta ma hijiex meħtieġa bejn l-elementi kostituttivi tar-reat ikkonċernat fid-dritt Taljan u dawk tar-reat korrispondenti fid-dritt Franċiż, id-dannu għall-paċi pubblika jidher madankollu bħala element essenzjali għall-finijiet tal-klassifikazzjoni tar-reat bħala "qerda u sakkeġġ", b'tali mod li, fil-fehma tal-qorti tar-rinviju, l-applikazzjoni tal-kundizzjoni tal-kriminalità doppja tal-fatt ma tidhirx li hija meħtieġa b'tali evidenza li ma tħalli l-ebda dubju raġonevoli.

25 Fil-każ li l-kundizzjoni ta' kriminalità doppja tal-fatt ma tipprekludix il-konsenja ta' KL, din il-qorti tqis li tqum għalhekk il-kwistjoni tal-proporzjonalità tal-piena li għaliha tintalab din il-konsenja fir-rigward biss tal-fatti li għalihom din il-kundizzjoni tkun issodisfatta.

26 F'dan ir-rigward, fl-ewwel lok, il-qorti tar-rinviju tosserva li d-Deċiżjoni Qafas 2002/584 ma tinkludi fiha ebda dispożizzjoni li tippermetti lill-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni tirrifjuta l-konsenja tal-persuna kkonċernata għar-raġuni li l-piena mogħtija fl-Istat Membru emittenti tidher sproporzjonata fir-rigward tal-fatti li għalihom saret il-konsenja.

27 Fit-tieni lok, kieku l-Artikolu 5 ta' din id-deċiżjoni qafas kien jistabbilixxi li l-eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew tista' tkun suġġetta mid-dritt tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni għall-kundizzjoni li s-sistema legali tal-Istat Membru emittenti tipprevedi dispożizzjonijiet li jippermettu reviżjoni tal-piena imposta, dan ikun biss fil-każ fejn ir-reat li fuqu huwa bbażat il-ħruġ tal-mandat ta' arrest Ewropew ikun punibbli b'piena jew b'ordni ta' detenzjoni li ċċaħħad il-libertà ta' natura perpetwa.

28 Għaldaqstant, anki jekk l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni tqis li jeżistu diffikultajiet serji fir-rigward tal-proporzjonalità tal-mandat ta' arrest Ewropew, hija ma tistax tirrifjuta, għal din ir-raġuni, li tordna l-konsenja tal-persuna rikjesta għall-eżekuzzjoni tal-piena mogħtija fl-Istat

Membru emittenti. Barra minn hekk, peress li, bħala prinċipju, hija l-awtorità ġudizzjarja emittenti li għandha tivverifika l-proporzjonalità ta' mandat ta' arrest Ewropew qabel il-ħruġ tiegħu, fil-każ fejn tali mandat jinħareġ għall-eżekuzzjoni ta' piena ta' repressjoni ta' ksur uniku kkaratterizzat minn diversi azzjonijiet, iżda li wħud minnhom biss jikkostitwixxu reat fid-dawl tad-dritt tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni, jista' jkun li dan il-mandat ma jkunx iktar proporzjonat fl-istadju tal-eżekuzzjoni tiegħu, filwaqt li kien proporzjonat fl-istadju tal-ħruġ tiegħu.

29 F'dawn iċ-ċirkustanzi, fid-dawl tad-drittijiet u tal-prinċipji legali fundamentali li għandhom jiġu osservati fil-kuntest tal-mandat ta' arrest Ewropew, konformement mal-Artikolu 1(3) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, il-qorti tar-rinviju tistaqsi dwar il-punt jekk l-Artikolu 49(3) tal-Karta, li jistabbilixxi l-prinċipju li jgħid li l-intensità tal-pieni ma għandhiex tkun sproporzjonata meta mqabbla mar-reat ikkonċernat, jimponix fuq l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni l-obbligu li tirrifjuta li teżegwixxi mandat ta' arrest Ewropew meta, minn naħa, dan ikun inħareġ biss għall-finijiet ta' eżekuzzjoni ta' piena waħda għar-repressjoni ta' reat uniku u meta, min-naħa l-oħra, parti mill-fatti li għalihom ġiet deċiża din il-piena ma tikkostitwixxix reat fir-rigward tad-dritt tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni.

30 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Cour de cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1. L-Artikolu 2(4) u [l-punt 1 tal-]Artikolu 4[…] tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-kundizzjoni tal-kriminalità doppja [ta' fatt] tkun issodisfatti f'sitwazzjoni, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li fiha l-konsenja intalbet għal atti li ġew ikklassifikati, fl-Istat [Membru] emittenti, bħala qerda u sakkeġġ li jikkonsistu f'atti ta' qerda u ta' sakkeġġ ta' natura li jiksru l-paċi pubblika meta fl-Istat Membru ta' eżekuzzjoni jeżistu r-reat ta' serq bi ħsara, ir-reat ta' qerda, u r-reat ta' twettiq ta' ħsara li ma jeħtiġux dan l-element ta' ksur tal-paċi pubblika [1]?

2. Fil-każ li l-ewwel domanda tingħata risposta fil-pożittiv, l-Artikolu 2(4) u [l-punt 1 tal-]Artikolu 4[…] tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-qorti tal-Istat [Membru] ta' eżekuzzjoni tista' tirrifjuta li teżegwixxi mandat ta' arrest Ewropew maħruġ għall-eżekuzzjoni ta' sentenza meta hija tikkonstata li l-persuna kkonċernata ngħatat sentenza mill-awtoritajiet ġudizzjarji tal-Istat [Membru] emittenti għat-twettiq ta' reat uniku li jinkludi diversi atti u fejn uħud biss minn dawn l-atti jikkostitwixxu reat kriminali fir-rigward tal-Istat [Membru] ta' eżekuzzjoni? Għandha ssir distinzjoni skont jekk l-awtoritajiet ġudizzjarji tal-Istat [Membru] emittenti kkunsidrawx dawk id-diversi atti bħala diviżibbli jew le?

3. L-Artikolu 49(3) tal-[Karta] jeħtieg li l-awtorità ġudizzjarja tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni tirrifjuta li teżegwixxi mandat ta' arrest Ewropew meta, minn naħa, dan ikun inħareġ għall-finijiet tal-eżekuzzjoni ta' sentenza unika imposta għal reat uniku u li, min-naħa l-oħra, peress li wħud mill-atti li għalihom ġiet imposta din is-sentenza ma jikkostitwixxux reat taħt id-dritt tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni, il-konsenja tista' tiġi ordnata biss għal parti minn dawn l-atti?"

1 Pjuttost "li ma jeħtiġux tali ksur tal-paċi pubblika"?

**Fuq id-domandi preliminari**

***Fuq l-ewwel domanda***

31 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 2(4) u l-punt 1 tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 għandhomx jiġu interpretati fis-sens li l-kundizzjoni tal-kriminalità doppja tal-fatt tkun issodisfatta fis-sitwazzjoni fejn mandat ta' arrest Ewropew jinħareġ għall-finijiet tal-eżekuzzjoni ta' piena ta' priġunerija mogħtija għal fatti li jaqgħu, fl-Istat Membru emittenti, taħt reat li jeħtieġ li dawn il-fatti jippreġudikaw interess ġuridiku protett f'dan l-Istat Membru, meta tali fatti jkunu wkoll is-suġġett ta' reat kriminali fir-rigward tad-dritt tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni li għalih il-ksur ta' dan l-interess ġuridiku protett ma huwiex element kostituttiv.

32 Konformement ma' ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, sabiex tiġi ddeterminata l-portata tal-kundizzjoni ta' kriminalità doppja tal-fatt, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni mhux biss il-kliem tal-Artikolu 2(4) u tal-punt 1 tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, iżda wkoll il-kuntest tagħhom u l-għanijiet imfittxija mil-leġiżlazzjoni li jifformaw parti minnha dawn id-dispożizzjonijiet (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-28 ta' Jannar 2021, Spetsializirana prokuratura (Dikjarazzjoni tad-Drittijiet), C-649/19, EU:C:2021:75, punt 42 u l-ġurisprudenza ċċitata).

33 Fl-ewwel lok, mill-kliem tal-Artikolu 2(4) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 jirriżulta li l-evalwazzjoni tal-kundizzjoni tal-kriminalità doppja tal-fatt teżiġi li jiġi vverifikat jekk il-fatti li għalihom inħareġ il-mandat ta' arrest Ewropew jikkostitwixxux reat fid-dawl tad-dritt tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni, u dan "irrespettivament ta' l-elementi kostitwenti jew ta' kif hu deskritt". Korrelattivament, l-Artikolu 4 ta' din id-deċiżjoni qafas, dwar ir-raġunijiet għan-nuqqas ta' eżekuzzjoni fakultattiva tal-mandat ta' arrest Ewropew, jipprovdi, fil-punt 1 tiegħu, li l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni tista' tirrifjuta li teżegwixxi l-mandat ta' arrest Ewropew jekk, f'wieħed mill-każijiet imsemmija fl-Artikolu 2(4) tal-imsemmija deċiżjoni qafas, il-fatt li fuqu huwa bbażat il-mandat ta' arrest Ewropew ma jikkostitwixxix reat fid-dawl tad-dritt tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni.

34 Għalhekk, sabiex jiġi ddeterminat jekk il-kundizzjoni tal-kriminalità doppja tal-fatt hijiex issodisfatta, huwa neċessarju u suffiċjenti li l-fatti li taw lok għall-ħruġ tal-mandat ta' arrest Ewropew jikkostitwixxu wkoll reat fid-dawl tad-dritt tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni. Minn dan isegwi li ma huwiex neċessarju li r-reati jkunu identiċi fiż-żewġ Stati Membri kkonċernati (ara, b'analoġija, fir-rigward tal-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku tas-sentenzi f'materji kriminali, is-sentenza tal-11 ta' Jannar 2017, Grundza, C-289/15, EU:C:2017:4, punt 34).

35 Fil-fatt, mill-kliem "irrespettivament ta' l-elementi kostitwenti jew ta' kif hu deskritt" tar-reat kif previst fl-Istat Membru ta' eżekuzzjoni, jirriżulta b'mod ċar li l-leġiżlatur tal-Unjoni ma eżiġa korrispondenza perfetta la bejn l-elementi kostituttivi tal-ksur, kif ikklassifikati rispettivament fid-dritt tal-Istat Membru emittenti u f'dak tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni, u lanqas fl-isem jew fil-klassifikazzjoni ta' dan il-ksur skont dawn id-drittijiet nazzjonali (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-11 ta' Jannar 2017, Grundza, C-289/15, EU:C:2017:4, punt 35).

36 Minn dan jirriżulta li, fl-evalwazzjoni tal-kundizzjoni tal-kriminalità doppja tal-fatt, sabiex jiġi ddeterminat jekk teżistix raġuni għan-nuqqas ta' eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew skont il-punt 1 tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, hija l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni li għandha tivverifika jekk l-elementi fattwali tar-reat li ta lok għall-ħruġ ta' dan il-mandat ta' arrest

Ewropew jikkostitwixxux ukoll, bħala tali, reat fid-dawl tad-dritt tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni fl-ipoteżi fejn dawn ikunu seħħew fit-territorju ta' dan tal-aħħar (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-11 ta' Jannar 2017, Grundza, C-289/15, EU:C:2017:4, punt 38).

37 Fit-tieni lok, il-kuntest li jaqgħu fih l-Artikolu 2(4) u l-punt 1 tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, kif ukoll l-għanijiet ta' din id-deċiżjoni qafas jimmilitaw ukoll favur tali interpretazzjoni.

38 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li d-deċiżjoni qafas imsemmija hija intiża, permezz tal-istabbiliment ta' sistema ssimplifikata u effettiva ta' konsenja ta' persuni kkundannati jew issuspettati li kisru l-liġi kriminali, biex tiffaċilita u tħaffef il-kooperazzjoni ġudizzjarja bil-għan li tikkontribwixxi biex jintlaħaq l-għan mogħti lill-Unjoni Ewropea li ssir spazju ta' libertà, ta' sigurtà u ta' ġustizzja billi tibbaża ruħha fuq il-livell għoli ta' fiduċja li għandu jeżisti bejn l-Istati Membri (sentenza tat-22 ta' Frar 2022, Openbaar Ministerie (Qorti stabbilita mil-liġi fl-Istat Membru emittenti), C-562/21 PPU u C-563/21 PPU, EU:C:2022:100, punt 42 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

39 Il-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku, li jikkostitwixxi, skont il-premessa 6 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, il-"punt ta' referenza" tal-kooperazzjoni ġudizzjarja fil-qasam kriminali, huwa espress fl-Artikolu 1(2) ta' din id-deċiżjoni qafas, li jistabbilixxi r-regola li tgħid li l-Istati Membri huma obbligati jeżegwixxu kull mandat ta' arrest Ewropew abbażi ta' dan il-prinċipju u skont id-dispożizzjonijiet tal-imsemmija deċiżjoni qafas (sentenza tat-22 ta' Frar 2022, Openbaar Ministerie (Qorti stabbilita mil-liġi fl-Istat Membru emittenti), C-562/21 PPU u C-563/21 PPU, EU:C:2022:100, punt 43 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

40 Minn dan isegwi li l-awtoritajiet ġudizzjarji ta' eżekuzzjoni jistgħu, bħala prinċipju, jirrifjutaw li jeżegwixxu mandat ta' arrest Ewropew biss għar-raġunijiet, elenkati b'mod eżawrjenti, ta' nuqqas ta' eżekuzzjoni previsti fid-Deċiżjoni Qafas 2002/584 u li l-eżekuzzjoni tiegħu tista' tkun suġġetta biss għal waħda mill-kundizzjonijiet previsti b'mod eżawrjenti fl-Artikolu 5 ta' din id-deċiżjoni qafas. Konsegwentement, filwaqt li l-eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew tikkostitwixxi l-prinċipju, ir-rifjut ta' eżekuzzjoni huwa maħsub bħala eċċezzjoni li għandha tkun suġġetta għal interpretazzjoni stretta (sentenza tat-22 ta' Frar 2022, Openbaar Ministerie (Qorti stabbilita mil-liġi fl-Istat Membru emittenti), C-562/21 PPU u C-563/21 PPU, EU:C:2022:100, punt 44 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

41 Il-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku, li fuqu huwa bbażat il-mekkaniżmu ta' konsenja stabbilit mid-Deċiżjoni Qafas 2002/584, wassal, b'mod partikolari, għall-istabbiliment, fl-Artikolu 2(2) ta' din id-deċiżjoni qafas, ta' lista ta' reati kriminali li jagħtu lok għall-konsenja tal-persuna kkonċernata abbażi ta' mandat Ewropew mingħajr verifika tal-kriminalità doppja tal-fatt.

42 Għar-reati li ma jidhrux f'din il-lista, l-Artikolu 2(4) tal-imsemmija deċiżjoni qafas jipprevedi l-possibbiltà għall-Istat Membru ta' eżekuzzjoni li jissuġġetta l-eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew għall-fatt li l-kundizzjoni tal-kriminalità doppja tal-att tkun issodisfatta.

43 Din il-kundizzjoni tikkostitwixxi, skont il-punt 1 tal-Artikolu 4 tal-istess deċiżjoni qafas, raġuni għan-nuqqas ta' eżekuzzjoni fakultattiva tal-mandat ta' arrest Ewropew u, għalhekk, eċċezzjoni għar-regola li tgħid li l-mandat ta' arrest Ewropew għandu jiġi eżegwit, b'tali mod li l-kamp ta' applikazzjoni ta' din ir-raġuni għan-nuqqas ta' eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew

għandu jiġi interpretat b'mod strett sabiex jiġu llimitati l-każijiet ta' nuqqas ta' eżekuzzjoni ta' dan il-mandat ta' arrest (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-11 ta' Jannar 2017, Grundza, C-289/15, EU:C:2017:4, punt 46).

44 Għaldaqstant, għalkemm il-punt 1 tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 jagħti s-setgħa lill-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni li tirrifjuta l-eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew meta l-kundizzjoni tal-kriminalità doppja tal-fatt ma tkunx issodisfatta, din id-dispożizzjoni, peress li tistabbilixxi regola derogatorja fir-rigward tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku stabbilit fl-Artikolu 1(2) ta' din id-deċiżjoni qafas, ma tistax tiġi interpretata b'mod li jwassal sabiex jinnewtralizza l-għan imfakkar fil-punti 38 sa 40 ta' din is-sentenza li jikkonsisti f'li jiġu ffaċilitati u mħaffa l-konsenji bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji tal-Istati Membri fid-dawl tal-fiduċja reċiproka li għandha teżisti bejniethom (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-24 ta' Settembru 2020, Generalbundesanwalt beim Bundesgerichtshof (Prinċipju ta' speċjalità), C-195/20 PPU, EU:C:2020:749, punt 35 u l-ġurisprudenza ċċitata).

45 Issa, interpretazzjoni tal-kundizzjoni ta' kriminalità doppja tal-fatt fis-sens li din il-kundizzjoni tirrikjedi li jkun hemm korrispondenza perfetta bejn l-elementi li jikkostitwixxu r-reat kif ikkwalifikat fid-dritt tal-Istat Membru emittenti u dawk tar-reat previst fid-dritt tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni, kif ukoll f'dak li jikkonċerna l-interess ġuridiku protett fid-drittijiet ta' dawn iż-żewġ Stati Membri, tippreġudika l-effettività tal-proċedura ta' konsenja.

46 Fil-fatt, fid-dawl tal-armonizzazzjoni minima fil-qasam tad-dritt kriminali fil-livell tal-Unjoni, tali korrispondenza perfetta tista' tkun nieqsa għal numru kbir ta' reati. Konsegwentement, l-interpretazzjoni prevista fil-punt preċedenti tillimita kunsiderevolment is-sitwazzjonijiet li fihom tista' tiġi ssodisfatta il-kundizzjoni tal-kriminalità doppja tal-fatt, u b'hekk tipperikola l-għan imfittex mid-Deċiżjoni Qafas 2002/584.

47 Barra minn hekk, u konsegwentement, din l-interpretazzjoni tikser ukoll l-għan li jikkonsisti fil-ġlieda kontra l-impunità ta' persuna rikjesta li tinsab f'territorju differenti minn dak li fih hija wettqet reat, li jikkostitwixxi wkoll għan tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-17 ta' Diċembru 2020, Openbaar Ministerie (Indipendenza tal-awtorità ġudizzjarja emittenti), C-354/20 PPU u C-412/20 PPU, EU:C:2020:1033, punt 62 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

48 Fil-fatt, interpretazzjoni tal-kundizzjoni tal-kriminalità doppja tal-fatt fis-sens li din il-kundizzjoni teżiġi li l-interess ġuridiku protett li l-ksur tiegħu huwa element kostituttiv tar-reat fir-rigward tad-dritt tal-Istat Membru emittenti għandu jkun element kostituttiv tar-reat fir-rigward tad-dritt tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni jista' jwassal għar-rifjut tal-konsenja tal-persuna kkonċernata b'eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew, minkejja li din il-persuna kienet is-suġġett ta' kundanna fl-Istat Membru emittenti u li l-fatti li għalihom inħareġ dan il-mandat ta' arrest Ewropew jikkostitwixxu reati li fir-rigward tagħhom inħareġ dan il-mandat.

49 Għaldaqstant, l-applikazzjoni tal-kundizzjoni tal-kriminalità doppja tal-fatt ma tistax teżiġi li l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni tivverifika li l-preġudizzju għall-interess ġuridiku protett mid-dritt tal-Istat Membru emittenti jkun ukoll element kostituttiv tar-reat fir-rigward tad-dritt tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni.

50 Konsegwentement, huwa irrilevanti li l-fatti li taw lok għall-ħruġ tal-mandat ta' arrest Ewropew jaqgħu, fl-Istat Membru emittenti, taħt reat li jeżiġi li dawn il-fatti jkunu ta' natura li jippreġudikaw interess ġuridiku protett skont id-dritt ta' dan l-Istat Membru, bħal, f'dan il-każ, il-preġudizzju għall-paċi pubblika, filwaqt li dan l-element ma huwiex meħtieġ fid-dritt tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni sabiex l-istess fatti jkunu jistgħu jkunu s-suġġett ta' ksur.

51 Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, ir-risposta għall-ewwel domanda għandha tkun li l-Artikolu 2(4) u l-punt 1 tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-kundizzjoni tal-kriminalità doppja tal-fatt tkun issodisfatta fis-sitwazzjoni fejn mandat ta' arrest Ewropew jinħareġ għall-finijiet tal-eżekuzzjoni ta' piena ta' priġunerija mogħtija għal fatti li jaqgħu, fl-Istat Membru emittenti, taħt reat li jeħtieġ li dawn il-fatti jippreġudikaw interess ġuridiku protett f'dan l-Istat Membru, meta tali fatti jkunu wkoll is-suġġett ta' reat kriminali fir-rigward tad-dritt tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni li għalih il-preġudizzju għal dan l-interess ġuridiku protett ma huwiex element kostituttiv.

### *Fuq it-tieni u t-tielet domanda*

52 Permezz tat-tieni u tat-tielet domanda tagħha, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 2(4) u l-punt 1 tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, moqrija fid-dawl tal-Artikolu 49(3) tal-Karta, għandhomx jiġu interpretati fis-sens li l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni tista' tirrifjuta li teżegwixxi mandat ta' arrest Ewropew maħruġ għall-eżekuzzjoni ta' piena ta' priġunerija, meta din il-piena tkun ġiet imposta, fl-Istat Membru emittenti, għat-twettiq, mill-persuna rikjesta, ta' reat uniku kompost minn diversi fatti li parti biss minnhom tikkostitwixxi reat kriminali fl-Istat Membru ta' eżekuzzjoni.

53 Preliminarjament, għandu jiġi kkonstatat li l-Artikolu 2(4) u l-punt 1 tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 ma jipprevedux espressament l-ipoteżi li tgħid li l-eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew tista' tiġi rrifjutata, għar-raġuni li hija biss parti mill-fatti li taw lok għar-reat uniku fl-Istat Membru emittenti li fuqu huwa bbażat dan il-mandat ta' arrest Ewropew li tikkostitwixxi reat fid-dawl tad-dritt tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni.

54 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-kuntest li jifformaw parti minnu dawn id-dispożizzjonijiet kif ukoll l-għanijiet imfittxija mid-Deċiżjoni Qafas 2002/584.

55 Fl-ewwel lok, mir-risposta għall-ewwel domanda jirriżulta li ma huwiex rilevanti, għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-kundizzjoni tal-kriminalità doppja tal-fatt, li l-fatti li għalihom inħareġ il-mandat ta' arrest Ewropew ġew ikklassifikati bħala reat uniku fir-rigward tad-dritt tal-Istat Membru emittenti.

56 Fil-fatt, kif jirriżulta mill-punt 51 ta' din is-sentenza, din l-evalwazzjoni tillimita ruħha li tiddetermina jekk, fl-ipoteżi fejn il-fatti kkonċernati kienu seħħew fit-territorju tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni, dawn il-fatti kinux jikkostitwixxu wkoll ksur fid-dawl tad-dritt tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni, indipendentement mill-elementi kostituttivi ta' dan il-ksur u mill-klassifikazzjoni adottata fl-Istat Membru emittenti.

57 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-punt dwar jekk l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni tistax issib raġuni għan-nuqqas ta' eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew fiċ-ċirkustanza fejn parti biss mill-imsemmija fatti tikkostitwixxi reat fir-rigward tad-dritt tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni, għandu jitfakkar, kif ġie indikat fil-punt 43 ta' din is-sentenza, li l-kundizzjoni tal-kriminalità doppja tal-fatt tinsab fost ir-raġunijiet għan-nuqqas ta' eżekuzzjoni fakultattiva tal-mandat ta'

arrest Ewropew, elenkati fl-Artikolu 4 ta' din id-deċiżjoni qafas, li għandhom jiġu interpretati b'mod strett, sabiex jiġu llimitati l-każijiet ta' nuqqas ta' eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew.

58 Konsegwentement, kif irrileva l-Avukat Ġenerali, essenzjalment, fil-punt 55 tal-konklużjonijiet tiegħu, ħlief għall-estensjoni tar-raġuni għan-nuqqas ta' eżekuzzjoni msemmija fil-punt 1 tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 għall-parti tal-fatti li tikkostitwixxi reat skont id-dritt tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni u li għalhekk ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-motiv, il-fatt waħdu li parti mill-fatti li jikkostitwixxu reat fl-Istat Membru emittenti tikkostitwixxi wkoll reat fir-rigward tad-dritt tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni ma jistax jippermetti lill-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni li tirrifjuta li teżegwixxi l-mandat ta' arrest Ewropew.

59 Din l-interpretazzjoni hija kkorroborata mill-istruttura ta' din id-deċiżjoni qafas.

60 Fil-fatt, anki jekk jitqies li, fiċ-ċirkustanzi msemmija fil-punt 58 ta' din is-sentenza, il-konsenja hija suġġetta għall-kundizzjoni li l-persuna kkonċernata ma ġġarrabx il-piena fl-Istat Membru emittenti għall-parti mill-fatti li ma tikkostitwixxix reat fl-Istat Membru ta' eżekuzzjoni, għandu jiġi rrilevat li tali kundizzjoni ma tinsabx fl-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584. Issa, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ripetutament li l-eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew tista' tkun suġġetta biss għal waħda mill-kundizzjonijiet previsti b'mod eżawrjenti f'dan l-Artikolu 5 (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-3 ta' Marzu 2020, X (Mandat ta' arrest Ewropew – Inkriminazzjoni doppja), C-717/18, EU:C:2020:142, punt 41 u l-ġurisprudenza ċċitata).

61 L-interpretazzjoni tal-Artikolu 2(4) u tal-punt 1 tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, li jinsabu fil-punti preċedenti ta' din is-sentenza, hija barra minn hekk sostnuta mill-analiżi tal-għanijiet imfittxija mid-Deċiżjoni Qafas 2002/584, imfakkra fil-punti 38 sa 40 u 47 ta' din is-sentenza, jiġifieri, minn naħa, l-għan li jikkonsisti f'li jiġu ffaċilitati u mħaffa l-konsenji bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji tal-Istati Membri fid-dawl tal-fiduċja reċiproka li għandha teżisti bejniethom u, min-naħa l-oħra, dak li jikkonsisti fil-ġlieda kontra l-impunità ta' persuna rikjesta li tkun tinsab f'territorju differenti minn dak li fuqu din allegatament wettqet reat.

62 Kif isostni l-Gvern Franċiż, essenzjalment, fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu, l-interpretazzjoni tal-kundizzjoni tal-kriminalità doppja tal-fatt fis-sens li l-eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew tista' tiġi rrifjutata minħabba li parti mill-fatti inkriminati fl-Istat Membru emittenti ma tikkostitwixxix reat fl-Istat Membru ta' eżekuzzjoni toħloq ostakoli għall-konsenja effettiva tal-persuna kkonċernata u twassal għall-impunità tagħha għall-fatti kollha kkonċernati. Fil-fatt, din l-interpretazzjoni twassal sabiex tiġi rrifjutata l-konsenja minkejja li parti minn dawn il-fatti tissodisfa din il-kundizzjoni.

63 Għaldaqstant, għandu jitqies li l-kundizzjoni ta' kriminalità doppja tal-fatt tkun issodisfatta meta l-mandat ta' arrest Ewropew jinħareġ għall-eżekuzzjoni ta' piena ta' priġunerija, minkejja li din il-piena tkun ġiet imposta, fl-Istat Membru emittenti, għat-twettiq mill-persuna rikjesta ta' reat uniku kompost minn diversi fatti li parti minnhom biss tikkostitwixxi reat kriminali fl-Istat Membru ta' eżekuzzjoni.

64 Tali interpretazzjoni hija wkoll konformi mal-prinċipju ta' proporzjonalità tar-reati u tal-pieni, previst fl-Artikolu 49(3) tal-Karta, li fuqu huma bbażati l-mistoqsijiet tal-qorti tar-rinviju.

65 Fil-fatt, minn naħa, fis-sistema stabbilita mid-Deċiżjoni Qafas 2002/584, l-osservanza tal-prinċipju ta' proporzjonalità tar-reati u tal-pieni hija żgurata mill-awtoritajiet ġudizzjarji tal-Istat Membru emittenti. Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li l-garanzija tal-osservanza tad-drittijiet tal-persuna li tagħha tintalab il-konsenja taqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Istat Membru emittenti (sentenzi tat-23 ta' Jannar 2018, Piotrowski, C-367/16, EU:C:2018:27, punt 50, u tas-6 ta' Diċembru 2018, IK (Eżekuzzjoni ta' piena addizzjonali), C-551/18 PPU, EU:C:2018:991, punt 66).

66 Min-naħa l-oħra, kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 63 tal-konklużjonijiet tiegħu, in-natura eventwalment sproporzjonata tal-piena mogħtija fl-Istat Membru emittenti ma tinsabx fost ir-raġunijiet għan-nuqqas ta' eżekuzzjoni obbligatorja u fakultattiva ta' mandat ta' arrest Ewropew li jinsabu fl-Artikoli 3, 4 u 4a tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584.

67 Barra minn hekk, mill-punt 36 ta' din is-sentenza jirriżulta li l-kundizzjoni ta' kriminalità doppja tal-fatt timplika biss li jiġi vverifikat jekk l-elementi fattwali tar-reat li ta lok għall-ħruġ ta' dan il-mandat ta' arrest Ewropew jikkostitwixxux ukoll, bħala tali, reat fir-rigward tad-dritt tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni fil-każ li jkunu seħħew fit-territorju ta' dan tal-aħħar.

68 Għaldaqstant, ma hijiex l-awtorità ġudizzjarja li teżegwixxi, fil-kuntest tal-evalwazzjoni ta' din il-kundizzjoni, li għandha tevalwa l-piena mogħtija fl-Istat Membru emittenti fid-dawl tal-Artikolu 49(3) tal-Karta.

69 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, ir-risposta għat-tieni u għat-tielet domanda għandha tkun li l-Artikolu 2(4) u l-Artikolu 4(1) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, moqrija fid-dawl tal-Artikolu 49(3) tal-Karta, għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni ma tistax tirrifjuta li teżegwixxi mandat ta' arrest Ewropew maħruġ għall-eżekuzzjoni ta' piena ta' priġunerija, meta din il-piena tkun ġiet imposta, fl-Istat Membru emittenti, għat-twettiq, mill-persuna rikjesta, ta' reat wieħed kompost minn diversi fatti li parti minnhom biss tikkostitwixxi reat kriminali fl-Istat Membru ta' eżekuzzjoni.

## Fuq l-ispejjeż

70 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **L-Artikolu 2(4) u l-punt 1 tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Kwadru [Qafas] tal-Kunsill 2002/584/ĠAI tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri, kif emendata bid-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/299/ĠAI tas-26 ta' Frar 2009, għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-kundizzjoni tal-kriminalità doppja tal-fatt, prevista f'dawn id-dispożizzjonijiet, tkun issodisfatta fis-sitwazzjoni fejn mandat ta' arrest Ewropew jinħareġ għall-finijiet tal-eżekuzzjoni ta' piena ta' priġunerija mogħtija għal fatti li jaqgħu, fl-Istat Membru emittenti, taħt reat li jeħtieġ li dawn il-fatti jippreġudikaw interess ġuridiku protett f'dan l-Istat Membru, meta tali fatti jkunu wkoll is-suġġett ta' reat kriminali fir-rigward tad-dritt tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni li għalih il-ksur ta' dan l-interess ġuridiku protett ma huwiex element kostituttiv.**

2) **L-Artikolu 2(4) u l-punt 1 tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, kif emendata bid-Deċiżjoni Qafas 2009/299, moqrija fid-dawl tal-Artikolu 49(3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni ma tistax tirrifjuta li teżegwixxi mandat ta' arrest Ewropew maħruġ għall-eżekuzzjoni ta' piena ta' priġunerija, meta din il-piena tkun ġiet imposta, fl-Istat Membru emittenti, għat-twettiq, mill-persuna rikjesta, ta' reat wieħed kompost minn diversi fatti li parti minnhom biss tikkostitwixxi reat kriminali fl-Istat Membru ta' eżekuzzjoni.**

Firem